**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**(SUPRETENDENT ROBERT VELLA)**
**(SPETTUR DARYL BORG)**
**VS**

**MARK-ANTHONY BORG**

**Kaz Nru: 550/2012**

**Illum 12 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mark-Anthony Borg ta' 37 sena, bin John u Josephine xebba Gouder, imwieled gewwa H'Attard nhar it-13 ta' Dicembru 1974 u resident fil-fond Joe Flats, Flat 13, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 53775(M)

Talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

1. Talli fit-22 ta' Mejju, 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data kkommetta serq ta' diversi prodotti tal-laham minn gewwa l-istores ta' In House Butcher sitwar gewwa Park Towers Supermarket, Triq il-Ferrovija, Santa Venera ghad-dannu ta' Adrian Deguara u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
2. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew

jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li tkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab addebitat bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur ta' aktar minn €232.94 u mhux aktar minn €2,329.37 ghall-perjodu mit-22 ta' Mejju 2012 u fix-xhur ta'qabel; u b'ricettazzjoni.

Il-kaz beda insegwitu ghal rapport li Adrian Deguara ghamel mal-Pulizija nhar it-22 ta' Mejju 2012 fejn fil-kapacita' tieghu ta' sid tas-sezzjoni tal-laham fil-Park Towers Supermarket irrapporta li lavrant tieghu, certu Mark -Anthony Borg kien qieghed jisraq xi laham minn fuq il-post tax-xoghol. Huwa kien induna meta flimkien mal-accountant tieghu Ian Dye bdiet issir Trading Profit & Loss Account ta' bejn ix-xhur 1 ta' Jannar 2012 u 31 ta' Mejju 2012 u fil-cost of sales giet innutata diskrepanza kbira. Bdew jaghmlu l-verifiki taghhom u Adrian Deguara jirrapporta li kien *"gie stabbilit illi l-laham imsemmi seta' gie nieqes waqt ic-caqliq tieghu minn store ghal iehor, u l-persuna nkarigat minn dan kien Mark-Anthony Borg. Min-naha tieghu l-kwerelant beda jsegwi l-passi ta' Borg, fejn induna li kien qieghed ighabbi x-xoghol gol-vann mill-istore ta' Sta Venera, imur bih l-istore ta' San Giljan, ihott ix-xoghol gewwa l-istore ta' San Giljan u jhalli kaxxa jew tnejn gol-vann, wara Borg jibqa' sejjer fir-residenza tieghu gewwa Ta' Xbiex sabiex ihott hemm il-kaxxi li jkun halla u minn hemm jibqa' sejjer lura lejn Sta Venera".*

Fix-xhieda tieghu **Adrian Deguara**[1] jghid :

- Li huwa sid ta' zewgt ihwienet gol-Park Towers Supermarket f'Sta Venera u San Giljan.
- Ikkonferma li rrapporta lill-Pulizija f'Mejju 2012 billi wara l-Profit and loss Report ta' Marzu huwa flimkien mal-accountant innutaw li kien hemm xi stock konsistenti f'laham li kien nieqes u kien hemm distakk konsiderevoli.
- Huma vverifikaw billi raw xi stock kien qieghed jinbiegh, x'dahal u x'hareg mis-sistema kompjuterizzata.
- Bdew isiru l-verifiki ma' diversi nies imabaghad indunaw li persuna, li kien fdat, beda jmur mill-hanut ta' Sta Venera ghall-hanut ta' San Giljan, ihott ammont ta' affarijiet, ihalli diversi kaxxi tal-laham fil-vann, ighaddi lejn ir-residenza tal-genituri tieghu f'Ta' Xbiex u jhotthom malajr u jmur lura lejn Sta Venera.
- Segwew lill-imputat fit-8 ta' Mejju 2012 u ha ritratt[2] li fih jidhru zewg kaxxi tal-laham li baqghu gol-vann, waqaf hallihom id-dar u meta wasal lura Sta Venera l-Vann kien vojt. Bhala valur kienu €240. Izda jekk ikollok tlett kaxxi jew erba' skont x'laham ikun u l-valur jista' jitla' anki ghal €400.
- Twahhlet *data tracker* gol-vann. Ittiehdu ritratti u filmati li kaxxi tal-laham baqghu fil-van. Id-data tracker tkopri ta' darbtejn precizament l- 10 u 11 ta' Mejju 2012[3].
- Xehed li darba segwew lill-imputat. Huwa wasal San Giljan, zamm l-affarijiet ghandu, rawh sejjer, rawh hdejn id-dar, rawh ihott ix-xoghol u mar lura bil-vann lejn il-hanut ta' Sta Venera vojt. Il-Pulizija kienu qed jistennewh hemm u arrestawh u jghid li ammetta li ha b'elfejn u hames mitt Euro.
- Ix-xhud isostni izda li mill-kalkoli li wettaq l-accountant tieghu l-ammont huwa ta' €35,000[4]. Qabdu diversi items li kien hemm nieqsa pero' l-main items huma l-friza knuckle u cube roll u dan fuq medda ta' tlett xhur.
- Xehed li huwa ghandu stores gewwa Santa Venera fejn izommu x-xoghol. Il-process huwa li filghodu jaraw x'jonqos ghal gol-hwienet

[1] Huwa xehed f'diversi seduti – 26 ta' Frar 2014; 26 ta' Jannar 2015; 2 ta' Marzu 2015
[2] Dok AD3 a fol 72 tal-process
[3] Dok AD1 u AD2 a fol 40 sa 70 tal-process
[4] Dok AD4 u AD5 a fol 73 u 74 tal-process

kemm ta' Santa Venera kif ukoll ta' San Giljan. Jiktbu l-affarijiet fuq il-lista u jintbaghtu gol-hwienet. Ta' Santa Venera kemm jitilghu minn fuq ghal isfel, mentri ghall-hanut ta' San Giljan iridu jmorru bil-vann.

- Spjega li fil-bidu kien hemm sistema fejn il-manager kien jitla' fil-vann, ighabbi x-xoghol il-manager, isakkar il-vann bic-cavetta, ic-cavetta tittiehed minnu u imbaghad l-van jinfetah minn min jiehu hsieb il-hanut l-iehor. Izda testwalment jixhed *Ovvjament bhalma jigri dejjem, il-persuna jigi habib tieghu, tafdah u dan spicca johrog ix-xoghol hu, jghabbi l-vann hu, jikteb il-karta hu, imur in-naha l-ohra hu, jiftah il-vann hu, ihottu hu, jerga' jghabbi l-crates il-vojta u jigi lura hu.*
- Kien hemm aktar persuni li jaghmlu dak it-tip ta' xoghol izda dan meta l-imputat ma kienx ikun prezenti.
- Ighid izda li meta segwew persuni ohra qatt ma raw xejn hazin, imma jekk segwew lill-imptat tlett darbiet dejjem kien rawh jieqaf id-dar tal-genituri tieghu u jhott xi kaxxi li jkun ghabba zejda.
- In kontro-ezami[5] ikkonferma li sakemm mar jaghmel ir-rapport tal-Pulizija l-verifiki min-naha tieghu kienu kompluti. Huwa jsostni li kien qieghed jinsteraq laham madwar €400 kuljum.
- Spjega li jsir stock take ta' darba fis-sena fil-31 ta' Dicembru fejn tigi pprintjata lista u tinqala' kaxxa kaxxa u jittiehed il-piz ta' kull kaxxa. Pero jsir ukoll stock take f'Marzu, Gunju u Settembru li jissejjah close enough ghaliex f'dawn jittiehed l-average.
- Huwa xehed li qed jiehu stima li l-imputat ha madwar b'€400 kull darba li kien xoghol abbazi tat-tlett okkazzjonijiet li segwih u billi l-imputat ammetta li kien beda jaghmel hekk f'Dicembru; u kif ukoll mill-ammont li hemm nieqes.
- Huwa kkonferma dak li kien qal precedentement li s-sistema ta' kif kif jintbaghat il-laham inbidelet billi l-imputat kien imur hu, johrog ix-xoghol hu, jiznu hu, jiktbu hu, jaqbad ic-cavetta hu, jidhol u jghabbi l-vann hu, ihalliha warajh jew jehodha mieghu ma kienx cert, imur in-naha l-ohra, jidhol hu wara l-bank, jiehu c-cavetta, ihott il-vann hu, jghabbi l-vojt hu u jerga' jitlaq. B'hekk huwa mhux f'posizzjoni jghid kemm il-kaxxa kien igorr kull darba min-naha ghall-ohra.
- L-imputat kien helper. Apparti huwa kien hemm manager u l-manager huwa l-istore keeper.

---

[5] Seduta tas-27 ta' Gunju 2018

Mix-xhieda ta' **Ian Dye**[6]**,** accountant, jinstilet is-segwenti:

- Ikkonferma li huwa jhejji l-accounts kull tlett xhur u f'Marzu 2012 bdew jaraw li l-figuri gross profit u net profit ma kienux qed jaqblu ma tas-sena l-ohra u l-figura kienet baxxa wisq. Huwa kkonferma Dok AD 4 u AD5.
- Huwa spjega li Adrian Deguara kien jibghatlu dokument fuq il-kompjuter iddetaljat, l-invoices iddetaljati tax-xiri, tal-bejgh, tal-ispejjez u minnhom johrog it-totali u mit-totali johorgu persentaggi li fl-ahhar mill-ahhar ghandu jkun hemm profit.
- It-telf irrizulta mill-inventarju ghaliex l-affarijiet gew ivverifikati aktar minn darba u rrizulta li kien hemm nuqqasijiet fl-istocks tal-laham.
- L-ammont jammonta ghal €34,995 fuq il-perjodu bejn Jannar u Mejju.

Mix-xhieda ta' Joseph Saliba[7] jirrizulta li l-imputat beda jahdem fuq bazi part-time ma' Adrian Deguara bhala *assistant butcher* fit-12 ta' Gunju 2009 u baqa' hekk sal-1 ta' Novembru 2009, meta f'din l-istess data huwa gie ingaggat mill-istess Adrian Deguara bhala *full time assistant butcher.* L-impjieg tieghu gie tterminat fit-22 ta' Mejju 2012.

Ix-xhud Joseph Howard[8] xehed li fis-sena 2012 huwa kien jahdem ma' kumpanija tas-sigurta' fejn kienu jaghmlu investigazzjonijiet privati u kien sar xi xoghol ghal Adrian Deguara. Fis-16 ta' Mejju 2012 mar hdejn il-Park Towers San Giljan u segwa vann Reg Nru IGV 013 sa Ta' Xbiex. X'hin waslu Ta' Xbiex fi Triq il-Watar is-sewwieq dar mal-Blokk, dahal fuq wara f'parti ma kienx jidher u hareg minn gol-vann u dahal f'residenza. Imbaghad rega' hareg, u mar fejn kien hemm il-vann u hareg b'kaxxa f'idu u dahhalha gor-residenza. Fit-22 ta' Mejju 2012 gara l-istess u nfurmaw lil Adrian Deguara. Dakinhar ha diversi ritratti[9]. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ra taghmel dak li ddeskriva. In kontro-ezami qal li ma jafx x'kien fiha l-kaxxa izda jaf li kienet bl-ahmar fuq barra u kienet tidher tqila.

L-imputat ghazel li, kif kellu dritt, ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

---

[6] Xehed fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014; 30 ta' Mejju 2016; 28 ta' Settembru 2016
[7] Seduta tal-20 ta' Ottubru 2014 – Dok JS a fol 92 u 93 tal-process
[8] Seduta tat-2 ta' Marzu 2015
[9] Dok JH1 sa JH7 a fol 129 et sequitur

Ma jistax ma jigix rilevat ukoll li d-difiza ghan-nom tal-imputat ghaddiet is-somma ta' €2,300 fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2017 u dan minghajr pregudizzju dwar il-mertu tal-kawza. Il-parte civile accettat din is-somma strettament minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha ghall-kumplament tal-ammont li hija ssostni li huwa dovut lilha, filwaqt li baqghet izzomm ferm id-drittijiet taghha

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur tal-imputat issottomettiet li l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat ghandha tigi skartata stante li l-imptat ma kienx assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu waqt l-interrogazzjoni.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar it-23 ta' Mejju 2012[10] wara li kien ikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu, izda ma kienx assistit mill-istess avukat waqt li huwa kien qieghed jigi interrogat billi skont il-ligi vigenti dan ma kienx permissibbli.

Din il-Qorti se tirreferi ghal gurisprudenza recenti moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Jannar 2021 u fl-istess gurnata mill-Qorti Kostituzzjonali.

Fuq naha l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**[11] gie deciz li l-istqarrija ma kellhiex tigi estromessa mill-atti meta t-talba ghal sfilz kienet ibbazata fuq allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq izda mhux xi artikolu tad-dritt penali li jirregola l-evidenza.

Imbaghad fil-kawza **Clive Dimech vs Avukat Generali[12]**, il-Qorti Kostituzzjonali rreferiet ghall-principju li ma jistax jitqies li hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq f'kazijiet bhal dawn qabel ma jintemm il-process penali, izda tenniet li stqarrija mehuda minghajr assistenza legali waqt l-interrogazzjoni f'cirkostanzi fejn il-Ligi ma kinitx taghti dak id-

[10] Dok DB1 a fol 172 tal-process

[11] Kif ukoll fil-kawzi Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello u Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et

[12] Fuq l-istess binarju fil-kawza fl-ismijiet Morgan Onouorah vs L-Avukat tal-Istat

dritt hija difett procedurali u kwindi m'ghandhiex tintuza bhala prova fil-process penali.

Tenut kont tad-decizjonijiet mehuda mill-Qorti Kostituzzjonali din il-Qorti tqis l-istqarrija ghandha tigi skartata u l-Qorti ghalhekk mhiex se tiehu konjizzjoni taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi kif diga gie rilevat l-imputat jinsab addebitat bir-reati ta' serq aggarvat bil-valur u l-persuna u ricettazzjoni.

Waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-imputat issottemmiet li l-fattispecie tal-kaz odjern aktar jinkwadraw bhala mizapproprjazzjoni milli serq. Ghaldaqstant jehtieg li qabel kollox jigi trattat dan il-punt.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Attard[13] fejn giet trattata d-distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati.

*Illi dawn ir-reati t-tnejn huma karatterizzati minn vjolazzjoni ta' dritt ta' propjeta pero huma reati indipendenti u distinti minn xulxin.*

*Illi huwa pacifiku li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluza tal-haga ta' haddiehor, maghmula invito domini, bi skop ta' lukru. Fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo this is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner thereof*[14].

*Illi dwar l-appropjazzjoni indebita huwa pacifiku ukoll fis-sistema giuridika taghna li biex jissussisti dan ir-reat irid jigi pruvat li persuna tkun*

1. *irciviet flus jew xi haga minghand xi hadd;*
2. *bl-obbligu li trodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li taghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u*
3. *minflok ma taghmel hekk, iddawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghaliha jew ghal haddiehor*[15].

[13] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fil-25 ta' Gunju 2012
[14] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 270.
[15] Ref Pulizija vs Enrico Petroni Appell Kriminali deciza 09.06.1998.

*Illi d-differenza bejn dawn iz-zewg reati tista' tigi sintetizzata fi kliem Francesco Antolisei:*

> *Ambedue questi reati, … , presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario.*[16]

*Illi dan l-awtur (Antolisei) jghallem li*

> *… puo' affermarsi con sufficiente sicurezza che per l'esistenza del possesso … occorrono due elementi: a) un potere di fatto (signoria sulla cosa, che si manifesta in un' attivita' corrispondente all' esercizio della propieta o di altro diritto reale); b) un animus correlativo, e precisamente l'animo di comportarsi come titolare del diritto di propieta' o di un altro diritto reale. Colui che esplica il potere di fatto sulla cosa senza essere sorretto dall'animo anzidetto, e' un semplice detentore. In tale caso si ha quella ipotesi di possesso indiretto, e' cioe di possesso esercitato per il tramite di altra persona …*[17]

> *… La detenzione per il diritto penale viene a ridursi alle ipotesi nelle quali il potere di fatto sulla cosa si esplica entro la sfera di sorveglianza del possessore: e cioe quando colui che dispone materialmente della cosa non e' altro che uno strumento, una longa manus del possessore.*

> *Adottando questo criterio discretivo, si guinge che, anche per il diritto penale, non hanno il possesso ma sono semplici detentori --- per riferirsi ai casi che piu hanno dato lugo a discussione --- i domestici e gli opstiti che si trovano in casa, il commesso e l'operaio che dispongono della cosa sotto l'immediata sorveglianza dell'imprenditore o di un suo*

---

[16] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale Vol I pagna 354.
[17] Op cit pagna 289.

*rappresentante, il frequentatore della biblioteca che ha in consegna un libro per cocnsultarlo nella sala di lettura. …*

*… Per l'incontro, tutti coloro che esercitano la signoria di fatto sulla cosa in modo indipendente, cioe tutti coloro che ne hanno una disponibilita autonoma, sono possessori. Tale qualifica spetta, percio' anche al depositario,* ***al locatario***[18]*, al comoditario e al mandatario. …*[19]

*… Da questa nozione deriva che non son possessori, ma semplici detentori coloro che dispongono della cosa entro la sfera di sorveglianza del possessore. Queste persone non avendo il possesso se si appropiano della cosa commettono il reato in esame. In conseguenza risponde di furto e non di appropiazione indebita ad esempio … il commesso o l'operaio che sottrae un oggetto che ha a sua disposizione nella bottega o nell'ufficina…*[20]

*Illi f'dan is-sens ukoll l-imsemmi Professur Mamo jkompli jispjega li*

*ownership of property being an inalienable right, it is manifest that the consent of the owner to the taking of the thing by an other … excludes the crime of theft. …. There are however cases in which exceptionally the fact that the owner has parted with the possession of the thing does not negative theft. These are when the delivery of possession is general and not special … Thus the servant who has the charge of all the chattels existing in the place where he is employed, he would be guilty of theft if he were to take away any of them…*[21]

*Illi dwar ir-reat ta' appropjazzjoni indebita Antolisei jghid li*

---

[18] Sottolinear tal-Qorti.
[19] Op cit pagna 291.
[20] Op cit pagna 306.
[21] Ref Notes of Criminal Law op cit pagna 282.

> *La vera essenza del reato, infatti, consiste nell'abbuso del possessore (li kif fuq spjegat jista' jkun anke l-lokatarju) il quale dispone della cosa come se fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si aroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio. …* [22]

> *… L'appropriazione indebita … e' in generale ipotizzabbile quando il titolo implica il trasferimento del solo possesso: nell' usufrutto,* ***nella locazione***[23]*, nel mandato, nel pegno, nel deposito, nel commodato, nel contratto di lavoro ecc*[24]

Il-Qorti jehtiegilha tapplika tali insenjamenti ghall-fattispecie tal-kaz odjern.

Diga' saret referenza ghall-punti importanti li rrizultaw mix-xhieda ta' Adrian Deguara. Id-difiza argumentat fis-sottomissjonijiet taghha li l-imputat kien fdat bil-kaxxi tal-laham u huwa kien store-keeper u ghalhekk dak li sehh (billi mhux kontestat li l-imputat ha xi kaxxi tal-laham) semmai kien li huwa mmizapproprja dak li kien fdat f'idejh. Il-parte civile argumentat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet, izda dan ma jirrizultax in atti fis-sens li l-istqarrija giet skartata u meta l-imputat ghadda l-ammont ta' €2,300 gie verbalizzat li dan kien qieghed isir minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet tieghu.

Invista tar-rizultanzi processwali u l-provi prodotti l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiza li l-fattispecie tal-kaz jinkwadra bhala mizapproprjazzjoni. L-imputat kien impjegat bhala *assistant butcher.* Originarjament kien hemm sistema fejn il-vann kien jitghabba bil-laham mill-istorekeeper li huwa wkoll il-manager, il-vann jissakkar, ic-cavetta ma kinitx tkun ghand id-*delivery man,* u kif il-vann jasal fid-destinazzjoni ossija fil-hanut l-iehor ta' Adrian Deguara l-vann kien jinfetah minn persuna f'dak il-hanut. Biss pero Adrian Deguara xehed li sar jafda lill-imputat u ma baqghetx tithaddem dik il-procedura. Li kien jigri kien li kull filghodu kienet tithejja lista dwar x'kien hemm nieqes bhala laham

[22] Op cit pagna 336.
[23] Sottolinear tal-Qorti.
[24] Op cit pagna 339.

fiz-zewg hwienet proprjeta' ta' Adrian Deguara. Fil-kaz tal-hanut ta' Sta Venera kull ma kien mehtieg kien li l-laham mehtieg kien jitla' mill-istores ghal gol-hant billi l-istores huma f'Sta Venera wkoll. Fil-kaz tal-hanut ta' San Giljan kien jehtieg li l-laham jittiehed mill-istores ta' Sta Venera ghall-hanut f'San Giljan u dan kien jittiehed permezz ta' vann. Huwa evidenti mill-provi prodotti li dak li kellu jsir mill-persuna li kellha ggorr il-laham ossija l-kaxxi tal-laham min-naha ghall-ohra kien li kellha tiehu biss l-ammont ta' kaxxi tal-laham li kienu bzonnjuzi jew mitluba ghall-hanut ta' San Giljan. Xejn aktar u xejn anqas.

Jirrizulta li l-imputat gie segwit minn Adrian Deguara u/jew nies imqabbdin minnu u rrizulta li l-imputat apparti l-kaxxi tal-laham li kienu mehtiega ghall-hanut, huwa kien izid ma' dak l-ammont u l-kaxxi tal-laham zejda li kien ighabbi kien ihotthom id-dar fejn kien jirrisjedi. Tali azzjoni tikkonfigura bhala serq u mhux mizappropriazzjoni billi l-imputat ghabba kaxxi tal-laham zejda gewwa l-vann. Dawk il-kaxxi tal-laham li huwa ghabba bhala zejda qatt ma nghataw fil-pussess tieghu minn Adrian Deguara u/jew il-manager ghan-nom ta' Adrian Deguara, izda kien l-imputat li b'decizjoni tieghu ghabbihom *ad insaputa* ta' Adrian Deguara biex huwa jkun jista' jehodhom ghalih ghab-beneficcju tieghu u ghad-dannu tal-istess Adrian Deguara.

Stabilit dan jirrizulta li ladarba l-imputat kien impjegat ma' Adrian Deguara jsegwi li l-kwalifika tal-persuna tinsab ippruvata.

Id-difiza argumentat li f'kaz li l-imputat kellu jinstab hati ta' serq huwa jista' biss jinstab hati ta' serq semplici billi l-valur tal-kaxxi tal-laham ivarja u ma giex stabilit b'mod preciz kemm il-kaxxa semmai kien qieghed jiehu u fi kwalunkwe kaz ma jistax jittiehed l-ammont globali billi kull darba li kien hemm episodju ta' tehid ta' kaxxa dak kien istantanju. Min-naha l-ohra l-prosekuzzjoni u l-parte civile jargumentaw li l-imputat ghandu jinstab hati li seraq laham b'valur madwar €35,000 u dan billi mill-verifiki li wettqet il-parte civile, anki permezz tal-accountant tieghu, raw x'irrizulta li kien hemm nieqes bhala laham mill-ahhar tas-sena sakemm ghamlu l-indagni u kkonkludew li l-ammont nieqes huwa dak imsemmi. Il-parte civile spjega li huma ghamlu dan l-ezercizzju billi l-imputat qal li kien beda jaghmel hekk mill-ahhar ta' Dicembru izda kif il-

Qorti diga' rrilevat l-istqarrija tal-imputat mhux se tittiehed kont taghha abbazi tar-ragunijiet spjegati minn din il-Qorti aktar 'il fuq.

Il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax, abbazi tal-provi prodotti, jigi akkollat bl-ammont pretiz mill-parte civile. Jirrizulta li huwa gie segwit mill-istess biss fi tlett okkazjonijiet. Apparti minn hekk irrizulta wkoll li l-laham ma kienx accessibbli biss ghall-imputat. Adrian Deguara jixhed li saru verifiki u ma rrizultax li kien hemm xi impjegat iehor li ha l-laham u ghalhekk qisu awtomatikament ghandu jigi konkluz li kien l-imputat li ha dan l-ammont. Il-Qorti tfakkar li fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha oltre d-dubbju dettat mir-raguni. F'dan il-kaz gie ppruvat li fi tlett okkazzjonijiet l-imputat ghabba kaxxi zejda fil-vann oltre minn dak li kellu jghabbi u l-kaxxi zejda hadhom id-dar tieghu. Filwaqt li l-Qorti tista' tispekula dwar x'seta' gara izda dan mhux bizzejjed biex tikkonkludi li l-imputat ghandu jinstab hati li seraq laham b'valur ta' kwazi €35,000. Jigi nnutat ukoll li meta Adrian Deguara mar jaghmel ir-rapport lill-Pulizija huwa ddikjara li l-valur kien ta' €28,000. In kontro-ezami xehed li meta mar jaghmel ir-rapport l-investigazzjoni kienet kompluta min-naha tieghu. Il-Qorti fid-dawl tal-provi prodotti ma tistax tistabilixxi b'certezza l-ammont ta' laham li gie effettivament misruq mill-imputat. Li huwa zgur huwa li fit-22 ta' Mejju 2012 giet elevata kaxxa laham tal-marka Goedegebuur li kien fiha 4 bicciet laham individwali tat-tip knuckle u bicca laham tal-istess tip separata mill-kaxxa msemmija u dan mir-residenza numru 7, Dar il-Hena, Triq il-Watar, Ta' Xbiex. Lanqas tista' tikkonkludi li kull darba li l-imputat kien xoghol huwa necessarjament seraq kaxxi tal-laham.

Min-naha l-ohra pero' ma tqisx li l-imputat ghandu jinstab hati ta' serq semplici. Gie spjegat minn Adrian Deguara li l-kaxxi tal-laham ghalkemm ivarjaw bil-prezz imma l-prezzijiet li semma' meta ghall-argument ittiehdu zewg kaxxi diga' jammontaw ghal madwar €240.

Billi rrizulta li l-imputat hallas l-ammont ta' €2,300 minghajr pregudizzju ghad-dikjarazzjoni tieghu mhux se tigi ordnata ebda restituzzjoni ulterjuri.

Illi l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni evidentement inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Piena**

Inkwantu għall-piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti qiegħda tieħu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qiegħed jinstab ħati, il-fedina penali tal-imputat u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Tqis li l-imputat għandu jiġi kkundannat għal sentenza ta' priġunerija li pero' tiġi sospiża.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(a), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Mata ssib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal tmintax-il xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għal żmien tlett snin. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**